MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2008

Numru 818/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Cachia**

**vs**

**Massimo Tivisini**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Massimo Tivisini ta' 39 sena bin Paolo u Rosaria Grazia nee' Corso mwieled Sqallija (Italja) fil-5 ta' Dicembru 1968 u residenti George Flat 5, Triq il-Bacir, Msida u detentur tal-karta tal-identita' numru 228393 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Fl-1 ta' Settembru 2008 ghall-habta ta' bejn it-3pm u l-4pm, fi Triq l-Ghoxrin ta' Jannar f' Hal-Qormi, bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Eleonora Camilleri kontra l-volonta' taghha ; u aktar talli ;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna biza lil Eleonora Camilleri li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra il-propjeta' taghha ; u aktar talli,

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra Eleonora Camilleri sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil istess persuna ;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b' mod li ta' fastidju lil Eleonora Camilleri b' mod li kien jaf jew missu li kien jaf li dan kien ta' fastidju ghall-istess Eleonora Camilleri ;

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u glied ;

6. Wettaq reat fil-perjodu operattiv ta' sentenzi sospizi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-28 ta' Frar 2008 moghtija mill-Magistrat Dr. Antonio Giovanni Vella LL.D, kif ukoll sentenza moghtija fid-19 ta' Mejju 2008 mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula ;

7. Kiser projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b' ordni taht l-Artikolu 412 (C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kiser obbligazzjoni mposta fuqu bl-Artikolu 383 tal-Kap. 9 ghas-somma ta' 2300 euros ;

8. Rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara diversi sentenzi moghtija mill-Onorabbli Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta’ Settembru 2008 (esebit a fol. 18 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-3 ta’ Settembru 2008 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn fin il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti tal-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. L-imputat ghamel perijodu ta’ madwar seba’ xhur johrog ma Eleonora Camilleri, il-parti civili, izda r-relazzjoni ta’ bejniethom giet terminata ghal habta ta’ Jannar 2008. Irrizulta li l-imputat m’accettax il-fatt li din ir-relazzjoni giet terminata u baqa’ jigri wara Eleonora Camilleri b’mod talment persistenti li din ghamlet diversi rapporti lil Pulizija li huwa kien qed jaghtiha fastidju. Mill-veri kopji taz-zewg sentenzi esebiti a fol. 47 sa 53 ta-process jirrizulta li fi Frar 2008 l–imputat gie mressaq il-qorti f’zewg okkazjonijiet akkuzat b’reati simili jekk mhux identici ghal dawk fil-kaz odjern, u cioe’ bl-arrest illegali ta’ Eleonora Camilleri u li huwa bl-imgieba tieghu ikkaguna biza’ lil Eleonora Camilleri li ser tintuza vjolenza fuq il-persuna taghha jew jew il-propjeta’ taghha u li ta fastidju lill-istess Eleonora Camilleri. Fiz-zewg okkazjonijiet huwa ammetta l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u gie misjub hati u kkundannat f’kaz minnhom (ara sentenza relattiva esebita a fol. 47 sa 49 tal-process) sena prigunerija sospiza ghal perjodu ta’ tlett snin b’ordni ta’ supervizjoni u gie ordnat ukoll il-hrug ta’ ordni ta’ protezzjoni ghal zmien tlett snin ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fit-tieni kaz (ara sentenza tad-19 ta’ Mejju 2008 esebita a fol. 50 sa 52 tal-process) ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal perijodu ta’ sena u gie marbut b’obbligazzjoni personali ta’ €2300 ghal zmien tnax-il xahar ai termini tal-

Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali milli javvicina jew ikellem lil Eleonora Camilleri u lil xi membri tal-korp tal-Pulizija msemmija fis-sentenza citata.

Mix-xhieda ta Eleonora Camilleri (deposizzjoni relattiva inserita a fol. 36 sa 38 tal-process irrizulta li fl-1 ta' Settembru 2008 l-imputat mar quddiem id-dar tal-parti civili Eleonora Camilleri madwar tlett darbiet. L-ewwel darba kien ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar fejn mar ihabbat il-bieb tad-dar ta' Eleonora Camilleri u qalilha li ried ikellimha, hija qaltlu sabiex jitlaq u li kienet ser iccempel lil Pulizija u huwa telaq minn fuq il-post. Wara madwar nofs siegha huwa rega' mar quddiem id-dar ta' Eleonora Camilleri u beda' jghajjat u ghalhekk Eleonora Camilleri qaltlu sabiex jitlaq u cemplet lil Pulizija izda meta dawn gew fuq il-post huwa kien lahaq telaq. Eleonora Camilleri kompliet tghid li ghal habta tas-sitta ta' filghaxija tal-istess gurnata harget mid-dar, dahlet fil-vettura taghha u sakret il-vettura u fil-pront sabet lill-imputat mat-tieqa man-naha tas-sewwieq u fl-istess hin semghat lil missierha jghajjat mill-gallarija sabiex toqghod attenta. Hija tghid li malli l-imputat raha ser tibda issuq resaq quddiem il-vettura taghha u hija bdiet issuq bil-mod sabiex huwa jersaq izda huwa tela' fuq il-bonnet tal-vettura taghha u qabad mal-wipers u hija ghalhekk kompliet issuq bil-mod sakemm huwa nizel minn fuq il-vettura taghha u hija baqghet sejra l-Ghassa taghmel rapport. Eleonora Camilleri xehdet ukoll li aktar tard filghaxija regghat bdiet tircievi messaggi fuq il-mobile phone taghha fejn l-imputat beda' jitlobha tohrog fil-gallarija u hija rat lill-imputat hdejn id-dar taghha man-naha tal-garaxx u hija bezghat u ghalhekk cemplet lil Pulizija u wara ftit rat lil Pulizija gejjin fuq il-post u jdahlu lil xi hadd fil-vettura taghhom.

Ix-xhieda ta' Eleonora Camilleri hija korroborata minn missierha Alfred Camilleri li xehed fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2008.

Ikkunsidrat:

Ili l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri izda fit-2 ta' Settembru 2008 kien irrilaxxja stqarrija lil Pulizija (esebita a fol. 27 u 28 tal-process fejn ammetta li kien mar hdejn id-dar ta' Eleonora Camilleri izda qal li kien mar hemm ghaliex Camilleri u hu kienu ftehmu telefonikament li huma kellhom jiltaqghu sabiex jitkellmu.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-ewwel akkuza l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' arrest illegali kontemplat fl-Artikolu 86 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

***86.*** *Kull min, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà taghha, jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn:*

*Izda, il-qorti tista', fil-kazijiet hfief, taghti l-piena ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa.*

L-elementi ta' dan ir-reat huma tnejn, li min jeffetwa l-arrest ma jkollux ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti u li jkun hemm sekwestru li jsir kontra l-volonta' tal-persuna sekwestrata. L-elementi tas-sekwestru jinkludi it-tehid jew trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt ta' persuna ghal moviment liberu taghha u l-kelma sekwestru fl-Artikolu 85 ghandha tinftiehem fil-kuntest li jkun hemm sekwestru meta bniedem jigi privat mid-dritt tal-moviment liberu. F'dan ir-rigward **Maino** fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale jikkummenta fuq l-Artikolu 146 li huwa identiku ghall-Artikolu 86 misjub fil-Kap. 9 taghna a fol. 112 para' 78 Vol. 11 billi jghid is-segwenti:-

Il sequestro richiede che la privazione della liberta' sia assoluta e avvenga in circostanze tali da togliere alla vittima ogni possibilta' di scampo o di soccorso".

Fil-fehma tal-Qorti f'dan il-kaz ma jikkonkorrux l-elementi rikjesti mill-ligi sabiex jissussisti r-reat ta' arrest illegali kontemplat fl-Artikolu 86 ghaliex ma jidrilhiex li jista' jinghad Ii l-imputat issekwestra lil Eleonora Camilleri billi privaha mill-moviment liberu taghha. Meta hija dahlet fil-karozza taghha hija kienet libera li tipprocedi sabiex titlaq minn fuq il-post kif fil-fatt ghamlet. Fil-fehma tal-Qorti l-agir tal-imputat meta huwa tela' fuq il-bonnet tal-vettura ta' Eleonora Camilleri u qabad mal-wipers jista' jinghad li jammonta ghal agir li gieghel lil Eleonora Camilleri tahseb li ser tintuza vjolenza fuq il-persuna jew fuq il-propjeta' taghha izda certament ma jammontax ghal sekwestru kif kontemplat fl-Artikolu 86 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat bl-agir tieghu gieghel lil Eleonora Camilleri tahseb li ser tintuza vjolenza fuq il-persuna taghha jew fuq il-propjeta' taghha u l-agir persistenti tieghu matul il-gurnata tal-1 ta' Settembru 2008 certament ta fastidju lil istess Eleonora Camilleri u dan jinghad anki fid-dawl tal-fatt li l-imputat kien jaf ben tajjeb li Eleonora Camilleri ma xtaqitux javvicinaha bl-ebda mod u fil-fatt kien hemm ordni ta' protezzjoni f'dan is-sens u inoltre l-imputat kien gie marbut b'obbligazzjoni personali ai temini tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ma jkellimx u ma javvicinax lil Eleonora Camilleri.

L-imputat qieghed ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu izda qed jigi misjub hati tat-tieni, t-tielet ir-raba' u l-hames akkuzi.

In kwantu jirrigwarda is-sitt, is-seba' u t-tmien akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat dawn ukoll jirrizultaw ampjament pruvati sal-grad rikjest mill-ligi stante li gew prezentati is-sentenzi moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta (inseriti a fol. 47 sa 52 tal-process) fejn l-imputat giet kkundannat sena prigunerija sospiza ghal tlett snin (sentenza tat-28 ta' Frar 2008) b'ordni ta' supervizjoni u b'ordni ta protezzjoni fil-konfronti ta' Eleonora Camilleri u ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal perjodu ta' sena (sentenza tad-19 ta' Mejju 2008) fejn

giet imposta wkoll fuq l-imputat obbligazzjoni personali taht penali ta' €2300 milli javvicina jew ikellem lil Eleonora Camilleri. L-akkuzi odjerni jirrigwardaw incidenti li sehhu fl-1 ta' Settembru 2008 u l-imputat qed jigi misjub hati li bl-imgieba tieghu ikkaguna biza li ser tintuza vjolenza fuq il-persuna jew il-propjeta' ta' Eleonora Camilleri, li ta fastidju u li hebb ghal Eleonora Camilleri u gie ghalhekk pruvat li l-imputat ikkommetta reat ta' natura volontarja waqt il-perjodu operattiv ta' zewg sentenzi sospizi, li kiser projbizzjoni imposta fuqu taht ordni ta' projbizzjoni u obligazzjoni mposta taht l-Artikolu 382 kif ukoll li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja u li huwa inghata l-opportunita' li jirriforma ruhu izda naqas milli jiehu dawn l-opportunitajiet u milli jobdi restrizzjonijiet u obligazzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti u ghalhekk jidrilha li din id-darba ghandha timponi piena karcerarja effettiva u vicin il-massimu.

Ghaldaqstant u wara li rat l-Artikoli 17, 28A sa 28H, 31, 49, 50, 251A, 251B, 339(1)(d), 338(dd), 383, 387 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni, t-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt, is-seba' u t-tmien akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah ghal prigunerija ta' tmien (8) xhur. Wara li rat l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna ulterjorment li l-piena ta' prigunerija ta' sena (1) sospiza ghal tlett (3) snin moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet 'Pulizija (Spettur Anthony Cachia vs Massimo Tivisini moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-28 ta' Frar 2008,' u l-piena ta' prigunerijia ta' sitt xhur sospizi ghal perjodu ta' sena moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet 'Pulizija (Spettur Marisa Camilleri u Spettur Anthony Cachia vs Massimo Tivisini moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar id-19 ta' Mejju 2008, jigu rezi operattivi **sabiex b'hekk l-imputat ghandu jaghmel perjodu globali ta' sitta u ghoxrin (26) xahar prigunerija**. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tilliberah mill-istess akkuza.

Il-Qorti inoltre tordna li s-somma ta’ €2300, u cioe’ il-penali imposta permezz tal-obbligazzjoni personali imposta fuq l-imputat taht l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------